**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 997/97

Aldo Livori

vs

Chief Government Medical Officer

u Dipartiment tas-Sahha

Illum 2 ta' Mejju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi f'zewg okkazzjonijiet gie mtellef milli jattendi kors l-universita', minghajr raguni valida anzi x'aktarx minhabba motivi politici.

Illi l-fatti tal-kaz kienua fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent kien dahal jahdem bhala Staff Nurse mal-intimat fl-1981 u kien stazzjonat l-Isptar, Has-Serh. Fl-1983 huwa kien gie

trasferit ghall-Isptar Generali ta' Ghawdex, l-ewwel fil-Pediatrics Ward u mbaghad ghall-Geriatric Ward (Irgiel) fejn ghamel erbatax il-sena bhala Acting Nursing Officer, responsabbli mill-istess Ward.

Illi fil-bidu tal-hatra tieghu fil-Geriatric Ward, ir-rikorrent sab li kien hemm diversi aspetti li ma kienux mexjin sew u ghamel l-almu tieghu biex jirranga l-affarijiet. Madankollu minflok ghajnuna mill-impjegati l-ohra, sab tfixkil u sahansitra sofra anke vendikazzjonijiet personali. Fil-fatt ir-rikorrent kellu jaghmel diversi rapporti lill-pulizija f'okkazzjonijiet meta qattghulu t-tyres tal-karozza, qalghulu l-pipe tal-petrol tal-mutur u anke rceva telefonati anonomi bil-lejl, apparti vendikazzjonijiet ohra.

Ta' dawn ir-rikorrent sofra danni f'sahhtu u kellu anke jiehu kura ghal barxa fl-istonku.

Illi r-rikorrent kien applika ghal kors ta' Diploma fil-Gerjatrija fl-Universita' ta' Malta. Ghalkemm huwa gie accettat mill-Universita' biex jattendi l-kors, l-intimat ma tahx ir-release mehtieg. Ir-rikorrent fil-fatt gie nfurmat illi kien hemm il-hsieb li ghall-istess kors intbaghat haddiehor minfloku, minkejja li ir-rikorrent kien senior ta' din il-persuna li kienet id-deputy tieghu.

Illi fl-1993 ir-rikorrent ghal darb'ohra applika ghall-kors fil-Gerjatrija u rega gie acettat mill-Universita' ta' Malta. F'din l-okkazjoni huwa kien haseb biex minn tmien xhur qabel japplika

biex ikollu r-release mehtiega mill-intimat, biex b'hekk ma jkollux ostakoli biex jattendi ghall-kors.

Illi wara li ghadda hafna zmien mill-applikazzjoni tair-rikorrent u kien ghadu ma ha ebda rispost, huwa indaga biex jara x'kienet il-posizzjoni tieghu u nghata konferma verbalment mill-amministrazzjoni tal-Isptar t'Ghawdex li kien kollox sew u seta jattendi l-kors fl-Universita'.

Illi f'Ottubru 1993, ir-rikorrent beda jattendi l-Kors fl-Universita' kuljum matul il-gimgha filwaqt li fi tmiem il-gimgha kien jirritorna Ghawdex u jmur ghax-xoghol l-Isptar fejn kien jahdem.

Illi wara xahrejn li kien ilu jattendi l-kors, ir-rikorrent ma rceviex ic-cheque tas-salarju u anqas il-bonus. Dan gara minghajr ma ir-rikorrent inghata ebda avviz li kienet ser tinzammlu l-paga, u wisq anqas illi kien gie meqjus li ha leave minghajr hlas. Ir-rikorrent fil-fatt ma setghax jifhem ghaliex kien gara dan peress li kien applika biex jattendi ghal kors minn tmien xhur qabel il-bidu tieghu u anke inghata konferma verbalment mill-amministrazzjoni fl-Isptar ta' Ghawdex, illi huwa seta' jattendi ghall-kors.

Illi fis-sitwazzjoni li kien jinsab fiha, fejn kellu familja ta' hamsa minn nies xi jmantni ir-rikorrent ma setghax ikompli l-kors fl-Universita' minghajr ma jkun qed jircievi l-paga tieghu regolari. Ghalhekk ma kellux triq ohra hlief li jiehu d-decizjoni iebsa li

jieqaf mill-istudji tieghu u jerga jibda jirraporta ghax-xoghol full time.

Illi minn indagini li ghamel ir-rikorrent sar jaf illi l-impjegati l-ohra li kienu qed jattendu l-kors mieghu l-Universita', kienu baqghu jircievu l-paga normali daqs li kieku kienu qeghdin jirrapurtaw ghax-xoghol.

Illi ftit wara Gunju 1994, (meta spicca l-kors fl-Universita' li ghalih qabel kien jattendi ir-rikorrent) ir-rikorrent rcieva l-ammont tas-salarju l-bonus dovut lilu li qabel kien gie mizmum.

Illi r-rikorrent ihoss li saret ingustizzja kbira mieghu meta ma nghatax l-opportunita' li jsegwi kors universitarju u jtejjeb il-kwalifiki tieghu.  Din l-ingustizzja tidher aktar cara meta wiehed jikkonsidra illi impjegati ohra, kollegi tair-rikorrent, fl-istess zmien inghataw kull facilita' li jattendu l-kors l-Universita' u fl-istess hin baqghu jithallsu l-paga normali relattiva ghall-impjieg taghhom.

Illi r-rikorrent ihoss li ma kien hemm ebda raguni valida ghaliex huwa ma giex trattat bl-istess mod bhal impjegati l-ohra, kif kien jisthoqqlu, u jsostni li dan gara x'aktarx ghal mottivi politici.

Illi l-ingustizzja li sofra ir-rikorrent kellha konsegwenzi ferm negattivi fuq il-karriera tieghu.  Apparti t-tbatija morali li sofra, huwa tilef l-opportunita' li jtejjeb il-kwalifikazzjonijiet tieghu

permezz ta' Diploma mill-Universita' u ghalhekk ikun jista javvanza fil-karriera tieghu.

Barra minn hekk ir-rikorrent sofra telf finanzjarju konsistenti fl-awment tal-paga ta' Lm150 fis-sena li kien jircevi kieku kiseb id-diploma mill-Universita'.

Illi b'hekk ai termini tal-att VIII tal-1997 ir-rikorrent fil-perjodu fuq indikat garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew minhabba fiha garrab inkapacita' jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex isostni l-ilment tieghu, ir-rikorrent kien bi hsiebu jressaq ix-xhieda murija fl-elenku anness.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal joghogbu wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tair-rikorrent jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni u jordna illi jinghata rimedju lilir-rikorrent billi (1) jigi dikjarat illi ma kien hemm ebda raguni valida fil-ligi biex ir-rikorrent ma jinghata l-opportunita' mill-intimat li jattendi ghal kors universitaju, bl-istess kundizzjonijiet li attendew impjegati; (2) jithallas l-arretrati ta' paga relattivi konsistenti f'zieda ta' Lm150 fis-sena b'effett mill-1994.

Fl-eventwalita' li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw, ir-rikorrent jitlob li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta'

Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tat-Tabib Principali tal-Gvern li eccepixxa:

Illi r-rikorrent kien il-persuna inkarigata mill-Ward tal-Gerjatrija ta’ l-irgiel. Ma’ tezisti l-ebda obbligazzjoni da parti ta’ l-intimat illi jibghat nies sabiex jattendu korsijiet. Tali decizjoni taqa’ taht diskrezzjoni ta’ l-intimat liema diskrezzjoni hija kkundizzjonata mill-htigijiet tas-servizz.

Illi ghalhekk meta rega applika sabiex jinghata l-opportunita’ li jattendi l-kors universitarju fil-fatt inghata c-cans u dan kollu billi applika kmieni u di piu’ is-servizz ma kienx ser jmur lura.

Illi rigward il-fatt li r-rikorrent ma thallasx waqt il-perjodu ta’ studju dan sar ai termini tac-cirkolari ta’ l-OPM 94/87 li kopja taghha tinsab annessa u mmarkata Dok BG1, u wara li rikjesta ghal leave bi hlas li giet rrifjutata mill-Staff Development Organisation, pero’ kien inghata l-opportunita illi japplika il-principju tat-time off in lieu.

Ghaldaqstant l-intimat talab lil dan t-Tribunal joghgbu jichad bl-ispejjez it-talbiet tar-rikorrent stante infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra n-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-intimat tas-6 ta' Gunju, 2000 li biha eccepixxa:

Illi l-mertu illi qed jigi kontestat minn Aldo Livori jirrigwarda allegazzjoni li l-istess Aldo Livori ma nghatax ic-cans illi jattendi ghal kors universitarju u dan bi pregudizzju ghalih.

Illi l-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji precizament l-Artikolu 6 jelenka bic-car il-gurisdizzjoni li ghandu jkollu t-Tribunal sabiex jisma' u jiddeciedi dwar ilmenti mressqa quddiemu.

Illi l-fatti mressqa minn Aldo Livori, ampjament spjegati fl-affidavit tieghu, ma jinkwadrawx taht l-ebda paragrafu ta' l-Artikolu fuq imsemmi stante li taht dan l-istess Artikolu ma hemm l-ebda referenza ghall-fatti speci esposti minn Aldo Livori, u li allegatament ikkawzaw ingustizzja.

Illi fil-kaz in ezami ghandu jigi applikat il-Principju Legali "ubi lex voluit dixit", u gja la darba c-cirkustanzi allegati minn Aldo Livori ma humiex previsti taht l-Att numru VIII ta' l-1997, it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni biex jezamina l-mertu allegat.

Ghaldaqstant, l-intimat in vista tal-premsss talab li dan it-Tribunal jichad bl-ispejjez it-talbiet kif esposti fir-rikors promotur.

Ra l-atti kollha tal-kawza.
Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi din id-decizzjoni tirrigwardja l-eccezzjoni ulterjuri sollevata li l-ilment tar-rikorrent li jirrigwarda l-fatt li hu ma inghatax ic-cans li jattendi ghal kors universitarju jesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet.

Ikkunsidra

Illi fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" deciza fl-10 ta' Mejju, 1999 dan it-Tribunal qal hekk:

"Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-

interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel……..”

Issa fil-kaz in ezami r-rikorrent sostna li l-intimat ma setax jissolleva l-eccezzjoni tal-inkompetenza ***ratione materiae*** f'dan l-istadju u ibbaza dan fuq l-artikolu 728 (2) tal-Kap 12. Izda hawn l-kaz hu differenti minn dawk bhal fil-kawza fl-ismijiet “Emmanuel Vella nomine vs Bernardina D’Amato” tat-28 ta’ Ottubru, 1994 – Appell Inferjuri [I J Said Pullicino] (Vol LXXVIII Pt II Pg 330). Dan mhux il-kaz ta’ eccezzjoni bhal ma hi kjamata in kawza wara li jkunu ddekorrew aktar minn sitt xhur mill-bidu tal-Att u din tigi eccepita wara li jghddi tali terminu. Hawn mhux kaz fejn jekk l-intimat jew kjamat in kawza jitqies li rrinunzja ghad-dritt tieghu jekk ma jissollevax l-eccezzjoni ***in limine litis***. F’dan il-kaz it-Tribunal m’ghandux id-dritt li jippronunzja ruhu fuq il-mertu tal-kaz, u mhux il-kaz li l-intimat rrinunzja ghad-dritt tieghu li jissolleva tali eccezzjoni.

Ir-rikorrent sostna li l-ilment jirrigwarda “permess mehtieg bil-ligi” izda dan it-Tribunal ghalkemm jammira l-astuzja tal-konsulent legali tar-rikorrent li pprova jsalva l-interessi tal-klijent tieghu billi jiggranfa ma’ xi aspett, ihoss li ma jistax jilqa’ din is-sottomissjoni. Infatti hawn mhux qedghin nitkellmu fuq xi permess ikun li jkun, izda fuq permess mehtieg bil-ligi u dan qed jinghad wara li l-ligi titkellem fuq licenzja. – fit-text ingliz -“licences or permits required by law”.

It-Tribunal kull tant ihoss idejh marbutin bil-kompetenza li timponilu l-ligi u dan hu kaz minnhom fejn forsi minhabba f'dak li torbotlu idejh il-ligi ma jkunx jista' jasal ghal dak li s-sens tal-ekwita' jimmotivah jasal ghalih.

Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-intimat, u jiddikjara li l-ilment jesorbita mill-kompetenza tieghu ***ratione materiae***.

Izda iqis li r-rikorrent baghata mill-fatt li l-eccezzjoni ulterjuri giet sollevata f'dan l-istadju u dan minhabba spejjez inutili li saru u li setghu gew evitati li kieku giet sollevata ***in limine litis***. Dan ghand jitqies ghall-iskop tal-ispejjez tal-kawza.

Minhabba li l-eccezzjoni giet sollevata f'dan l-istadju spejjez bla taxxa.